MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**GRIMA EDWINA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1657/2002

***Carmel sive Charles Bianco***
***f'ismu u ghad-ditta C. Bianco Auto Dealer***

***vs***

***Clyde Cassar***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Lulju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur proprio et. nomine s-somma ta' elf mija u hamsa u tletin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1135.75c) rappresentanti il-hlas ta' hdax-il kambjala (11) ta' mija u tlett liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm103.25c) il-wahda, liema kambjali mmatturaw fit-30 ta' kull xahar bejn April 2000 u Frar 2001, liema

kambjali huma esibiti fl-atti processwali u mmarkati bhala Dokumenti CC1 sa CC11.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju pprezentat kontra l-konvenut kif ukoll bl-imghaxijiet legali mid-data tal-maturita tal-kambjalijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-P.L. Emanuel Bianco ghan-nom ta' l-attur proprio et. nomine, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur proprio et. nomine s-somma ta' elf mija u hamsa u tletin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1135.75c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju pprezentat kontra l-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**